# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-3 ta' April 2023**

**Rikors Nru : 110/2023 JPG**

**Kawza Nru : 19**

**JB**

**U**

**RBZ**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 27 ta' Frar 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-2 ta' Dicembru tas-sena 2006 (kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK A') u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' l-minuri F li twieldet propju nhar X u K li twieled nhar Y (kopja tac-certifikati tat-twelid tal-minuri qed jigu annessi u mmarkati bhala 'DOK.B' u 'DOK.C');*

2. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mill-15 ta' Frar tas-sena 2020 filwaqt li ilhom separti de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat is-27 ta' Frar 2023, li gie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr Clara Farrugia Grixti (kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok D');*

3. *Illi ghaldaqstant, m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin;*

4. *Illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u llum il-gurnata ghandhom il-hajja taghhom u ghaldaqstant, ma tezisti l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni;*

5. *Illi m'hemm ebda manteniment dovut;*

6. *Illi l-mara tixtieq tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Z;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib ta divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (KAP. 16) tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi ma dan ir-rikors, qed jigi anness l-Affidavit tal-esponenti nfushom (Affidavit qed jigu annessi u mmarkati bhala 'Dok E' u 'Dok F');*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhr it-2 ta' Dicembru tas-sena 2006;*

2. *Tawtorizza lil RBZ sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Z;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Drettur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JB xehed** (vide affidavit fol 24) illi l-partijiet izzewgu nhar it-2 ta' Dicembru 2006 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Clara Farrugia Grixti nhar is-27 ta' Frar 2023 izda kienu ilhom separati de facto sa minn Frar 2020. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**RBZ xehdet** (vide affidavit fol 25) u kkonfermat u kkollaborat max-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

***sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar 2 ta' Dicembru 2006, liema zwieg jgib certifikat numru 2217/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Clara Farrugia Grixti datat 27 ta' Frar 2023 (Vide kuntratt ta' separazzjoni fol 36 et seqq.), izda jirrizulta illi kienu ilhom separati de facto sa mill-15 ta' Frar 2020. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Rat it-talba ta' RBZ sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'Z'.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2217/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil RBZ sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe Z, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**